

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2010 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĠORDAN

tas-16 ta' Settembru 2010

**li temenda l-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 3 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u dwar il-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

(2010/575/UE)

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tal-Protokoll 3 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 3 <sup>(1)</sup> tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra <sup>(2)</sup> (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), jippermetti, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet, ir-rifużjoni tad-dazji doganali jew ħlasijiet li għandhom effett ekwivalenti, jew l-eżenzjoni minnhom, sal-31 ta' Diċembru 2009.
- (2) Biex tiġi żgurata ċ-ċarezza, il-previdibbiltà ekonomika fit-tul u ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, il-partijiet għall-Ftehim qablu li jestendu l-perijodu ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 3 għall-Ftehim bi tliet snin, b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.
- (3) Minbarra dan, ir-rati ta' ħlasijiet doganali attwalment applikabbli fil-Ġordan għandhom jiġu aġġustati sabiex jiġu allineati ma' dawk li japplikaw fl-Unjoni Ewropea.
- (4) Il-Protokoll 3 għall-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.
- (5) Billi l-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 3 għall-Ftehim ma jibqax japplika wara l-31 ta' Diċembru 2009, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 3 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-

Ġordan, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" u dwar il-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Minkejja l-paragrafu 1, il-Ġordan jista', ħliet għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, japplika arranġamenti għal rifużjoni ta', jew eżenzjoni minn, dazji doganali jew ħlasijiet li għandhom effett ekwivalenti, applikabbli għal materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' prodotti oriġinarji, soġġett għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- (a) għandha tinżamm rata ta' 4 % ta' ħlas doganali fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 25 sa 49 u 64 sa 97 tas-Sistema Armonizzata, jew kwalunkwe rata akbar baxxa li tkun fis-seħħ fil-Ġordan;
- (b) għandha tinżamm rata ta' 8 % ta' ħlas doganali fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, jew kwalunkwe rata akbar baxxa li tkun fis-seħħ fil-Ġordan.

Dan il-paragrafu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2012 u jista' jiġi rivedut bi qbil komuni".

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2010.

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan

Il-President

C. ASHTON

<sup>(1)</sup> ĠU L 209, 31.7.2006, p. 31.

<sup>(2)</sup> ĠU L 283, 26.10.2005, p. 10.